26 MAR 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 522**

**Il-Ħamis 27 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**522.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

522.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' skuża.

**522.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

522.2.1 Il-minuti tal-521 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**522.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

522.3.1 Fis-6.15 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

522.3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub mill-Bank of Valletta sabiex jagħmel it-trasferimenti bankarji relatati mas-salarji tal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll l-*allowance* tal-Kunsillieri permezz tas-sistema tas-*SEPA*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser iħallas €0.12c spiża bankarja għal kull trasferiment bankarju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li t-trasferimenti bankarji tal-impjegati u tal-Kunsillieri jibdew isiru permezz tas-sistema bankarja *SEPA*.

522.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina uffiċjali għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* kif ukoll għaċ-ċelebrazzjoni tal-anniversarju tal-ġemellaġġ bejn l-ibliet li ser isir f'Mejju li ġej. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien ġie mistieden għaċ-ċerimonja tal-1250 sena anniversarju tal-Kunsill ta' Eschborn li ser issir f'Ġunju. Dwar l-festivitajiet ta' *Eschenfest*, is-Sindku ppropona li d-delegazzjoni tkun magħmula mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività ikunu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dwar l-istedina għaċ-ċerimonja tal-1250 sena anniversarju f'Eschborn, is-Sindku ppropona li tkun magħmula minn tlett membri tal-Kunsill li qatt ma żaru Eschborn. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex takkumpanjah Eshborn f'Ġunju. Il-Viċi Sindku qalet illi minħabba mpenji oħra hija ma setgħetx taċċetta din l-istedina. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu nteressati li jmorru *Eschborn*. Is-Sinjuri Angel Gwyn Louiselle Camilleri u Ghislaine Bongailas nfurmaw lill-Kunsill li huma kienu nteressati jmorru għaċ-ċerimonja tal-1250 sena anniversarju li ser issir f'Ġunju li ġej.

522.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn l-1 ta' Jannar, 2019 u l-31 ta' Diċembru, 2019. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

522.3.5 Fis-6.25 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Scicluna daħal għal-laqgħa.

522.3.6 Is-Sindku nforma lis-Sur Angelo Scicluna dwar l-istedina uffiċjali ta' *Eschborn* u staqsieh jekk kienx interessat li jkun parti mid-delegazzjoni matul iż-żjara f'Ġunju. Is-Sur Scicluna wieġeb fin-negattiv.

522.3.7 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex għal din is-sena l-Kunsill jistampa *leaflet* tal-wirjiet li ser jittellgħu matul il-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet sabiex fuq il-*leaflet* tiġi stampata mappa tal-lokalità bis-siti indikati. Dan sabiex tkun ta' għajnuna għal individwi li ma jkunux familjari mat-toroq ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa l-*leaflet* bil-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira ndikati fuq il-mappa ta' Ħaż-Żabbar.

522.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien iltaqa' mas-Sur Malcolm Schembri u ddiskuta l-possibilità sabiex il-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' tiġi pubblikata mill-Kunsill. Is-Sindku qal illi s-Sur Malcolm Schembri talab li jżomm 30 kopja tal-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar'. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa 500 kopja tal-edizzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' u li jagħti 30 kopja tal-pubblikazzjoni lis-Sur Malcolm Schembri.

522.3.9 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet relatati max-xogħol ta' restawr taħt il-fond disponibbli mill-Aġenzija LESA. Kwotazzjoni A għall-prezz ta' €6,000, B għall-prezz ta' €4,500 u C għall-prezz ta' €3,800. Is-Sindku żied jgħid li l-kwotazzjoni kienet tinkludi restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja li qiegħda f'Misraħ San Ġakbu kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra, restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp u Santa Marija li qiegħda fi Triq il-Biċċieni Sqaq numru 7, restawr tan-niċċa li qiegħda fi Triq Santa Duminka kantuniera ma' Triq Biċċieni, restawr tal-funtana li qiegħda f'Misraħ is-Sliem u restawr tan-niċċa ta' San Franġisk li qiegħda fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Misraħ is-Sliem. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel ix-xogħol ta' restawr għall-prezz ta' €3,800 VAT inkluż.

522.3.10 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

522.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-*European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism* u qal illi ċ-ċerimonja tal-Awards kienet ser issir fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ġie mitlub jagħmel il-logo tal-*EDEN* fuq il-posters tal-attivitajiet sabiex eventwalment jiġu reklamati fuq il-*brochures* li jitqassmu lit-turisti. Is-Sindku qal illi kellu l-ħsieb li jiżbogħ il-*bollards* tal-lokalità b'mod artistiku. Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku iressaq l-ispiża quddiem il-Kunsill qabel ma jinżebgħu l-*bollards*.

522.3.12 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi l-*bollards* li hemm faċċata tas-*supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch kienu tħammġu u talbet sabiex il-Kunsill jibgħat jinforma lil Transport Malta.

522.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva ittra b'avukat mingħand il-kumpanija Parker Randall Turner relatata ma' kontijiet pendenti għas-snin 2016 u 2017 li jammontaw għal €719.80. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li matul dawn is-snin il-Kunsill kellu kuntratt ta' *accountancy* ma' din il-kumpanija. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kienet għad trid tivverifika jekk dawn il-kontijiet kienux pendenti peress illi mhux l-ewwel darba li din il-kumpanija intalbet tirrevedi x-xogħol tagħha minħabba xi żbalji minn naħa tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra legali bħala risposta f'każ li dawn il-kontijiet ma jkunux dovuti.

**522.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

522.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sottokumitat.

**522.5 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2019**

522.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2019 - 31 ta' Diċembru, 2019. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament dawn l- Istqarrijiet Finanzjarji.

522.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2019. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2019.

**522.6 Ingaġġ ta' Uffiċjali Eżekuttivi (Skala 13)**

522.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill illi s-Sinjorina Andonia Cauchi kienet irrifjutat il-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv u għalhekk il-Kunsill kien reġa' ħareġ is-sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

**522.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

522.7.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura JBO 336 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €229 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

522.7.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura DEM 114 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonard, fejn talab kumpens ta' €130 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

**522.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

522.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn t-28 ta' Jannar 2020 u s-27 ta' Frar 2020 li kienet tammonta għal €49,291.07.

**522.9 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- **Offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 9/2019)**

522.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 9/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li offerta waħda biss kienet teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta li kienet mingħand is-Sur Nathaniel Sammut. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- **Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 10/2019)**

522.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 10/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li żewġ offerti kienu kienet teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- **Xiri ta' Vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020)**

522.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Evalwazzjoni tal-offerti għax-xiri ta' van tal-Kunsill (ZLC 2/2020) kien għadu ma tlestiex.

- **Offerti għall-manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**

522.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi r-Reġjun Xlokk kien qiegħed fil-proċess li jippubblika s-sejħa għall-offerti għal tiswija tad-dawl tat-toroq u talab lill-Kunsill sabiex jissieħeb fis-sejħa b'mod reġjonali. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq issir b'mod konġunt mar-Reġjun Xlokk.

**522.10 Proġett Dar Sagra Familja**

522.10.1 Is-Sindku tkellem dwar talba li saret lill-Kurja mill-Kunsill fil-leġislatura preċedenti sabiex parti minn Dar Sagra Familja tinbidel f'*day /night shelter*. Is-Sindku spjega li l-Kurja kellha t-tħassib tagħha dwar jekk il-proġett kienx ser ikun sostenibbli peress illi bħalissa Dar Sagra Familja kienet qed tintuża mis-Sorijiet tal-Ursolini u mill-Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku żied jgħid li l-Kurja pproponiet biex flimkien mal-Kunsill u l-Gvern Ċentrali, permezz ta' *Public Private Partnership*, Dar Sagra Familja tinbidel f'dar għall-anzjani u jinstab post alternattiv għas-Sorijiet tal-Ursolini. Is-Sindku talab lill-Kunsillier preżenti jaċċettaw li l-proġett tad-*day night / shelter* jinbidel fi proġett ta' dar għall-anzjani u jressaq din it-talba lill-Kurja. Is-Sur Mark Grech qal illi Dar Sagra Familja hija propjetà tal-Knisja u m'għandhiex bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tagħmel dar tal-anzjani minflok l-istitut. Is-Sur Mark Grech staqsa f'hiex kien ser ikun involut il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kurja kienet talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill peress illi d-diskussjonijiet tal-Kunsill preċedenti kienu sabiex isir *day/night shelter*. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li l-Kunsill jaċċetta li jibdel il-proġett, isir ftehim bejn il-Knisja, il-privat, il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill. Dan sabiex it-titlu tal-propjetà jibqa' tal-Knisja, il-Gvern Ċentrali jipprovdi s-sodod, il-kirja ta' Dar Sagra Familja titħallas mill-privat u l-Kunsill ikun medjatur. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-*day/night shelter* kien ser jiġi operat mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Joseph Vella qal illi biex jibda l-proċess għal dar tal-anzjani jrid jiġi nvolut il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, kif ukoll is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità. Is-Sindku qal illi kien ġie mitlub mill-Kurja sabiex il-Kunsill iressaq it-talba biex jiġi konfermat is-sit ta' fejn ser issir id-dar tal-anzjani, imbagħad il-Kunsill jibda d-diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali. Is-Sur Mark Grech qal illi l-Gvern Ċentrali jipprovdi biss is-sodod u ma jidħolx fil-*Public Private Partnership*. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa lis-Sindku il-għaliex ma kienx qed jinforma lill-Kunsill bid-diskussjonjiet li kienu għaddejjin mal-Kurja dwar id-dar tal-anzjani matul il-laqgħat preċedenti. Is-Sur Angelo Scicluna talab lis-Sindku sabiex jinforma lill-Kunsill b'kull diskussjoni li tkun qed issir mal-entitajiet u qal li dan għandu jsir mill-ewwel u mhux wara seba xhur. Is-Sur Mark Grech ippropona sabiex il-Kunsillier is-Sur Joseph Buttigieg, li huwa responsabbi mid-dekasteru tal-anzjani, ikun preżenti fid-diskussjonijiet li jsiru mal-Kurja dwar id-dar tal-anzjani. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel

unanimament. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa ma' min kienu saru l-laqghat dwar id-dar tal-anzjani. Is-Sindku qal illi dawn kienu saru mal-Arċipriet u mal-Kurja. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi hija kienet taqbel mal-kunċett li l-Kunsill jibda n-negozjati sabiex Dar Sagra Familja ssir dar ghall-anzjani.

522.10.2 Fis-7.10 ta' filghaxija, is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

522.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku sabiex matul id-diskussjonijiet li jkollu flimkien mal-entitajiet, jinvolvi lill-Kunsillieri skont id-dekasteri taghhom.

522.10.4 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-membri tal-Kunsill jkunu nvoluti mill-bidu tal-proċess sal-ahhar.

522.10.5 Is-Sur Joseph Agius qal illi s-Sindku m'ghandux ghalfejn jitlob li jkun hemm Kunsillier kull darba li jkun ser jaghmel xi laqgha mal-entitajiet. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi s-Sindku ghandu jinforma lill-Kunsillieri dwar il-laqghat li jkollu mal-entitajiet u żied jghid li l-laqghat tal-Kunsill ghalhekk isiru.

522.10.6 Fis-7.15 ta' filghaxija, is-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

522.10.7 Il-Viċi Sindku allegat qalet li wara li resqet talba quddiem il-Kunsill dwar problema ta' gharghar fi Triq id-Dliela, is-Sindku kien mar jiltaqa' mar-residenti minghajr ma nfurmaha. Is-Sindku ċahad li mar jiltaqa' mar-residenti. Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri qalet li lilha wkoll qalulha li kienu tqassmu xi ittri minn xi Kunsillier fi triq partikolari dwar *bus shelter* imma b'daqshekk wiehed m'ghandux jemmen dak kollu li jisma. Emendati

522.10.8 Is-Sur Mark Grech qal illi huwa ma kienx ġie mistieden jattendi l-laqgha li saret fl-iskola flimkien mal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, dwar il-proġett ta' tisbih f' Misrah San Nikola. Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' tisbih f'Misrah San Nikola huwa kien informa lill-Kunsillieri li kienet ser issir laqgha flimkien mal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, iżda żewġ Kunsillieri biss kienu attendew ghal din il-laqgha. Is-Sindku qal li m'ghandu l-ebda problema li jirranġa n-nuqqasijiet minn naha tieghu u talab sabiex ikun hemm iktar *committement* minn naha tal-Kunsillieri.

522.10.9 Fis-7.20 ta' filghaxija, is-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

522.10.10 Is-Sur Joseph Agius qal li fil-passat huwa kien issuġġerixxa sabiex f'kull deskasteru ikun hemm żewġ membri tal-Kunsill involuti.

**522.11 Programm t'attivitajiet**

522.11.1 Peress illi d-dekasteru tal-kultura kien fir-responsabbiltà tas-Sur Joseph Vella, is-Sindku talab sabiex dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgha li jmiss.

## 522.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

522.12.1 Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri resqet talba li kienet irċeviet mingħand resident li kien qed jallega li saret *roadhump* quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq iċ-Ċimiterju u li minħabba fiha kien qed jidħollu l-ilma tax-xita. Is-Sinjura Camilleri żiedet tgħid li r-*road hump* kienet saret quddiem ir-residenza tiegħu mingħajr il-kunsens tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sinjorina Camilleri tgħaddilha l-indirizz ta' fejn saret ir-*roadhump* u żiedet tgħid li l-Kunsill ma jwaħħalx *roadhumps* mingħajr il-kunsens tar-residenti.

522.12.2 Is-Sur Mark Grech irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għal-libreriji dwar il-fond disponibbli ta' €1,000 sabiex jinxtraw kotba għal-librerija lokali. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw ukoll b'€1,000 kotba mill-fondi tal-Kunsill.

522.12.3 Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jitlob laqgħa mal-entitajiet li ssottomettew l-oġġezzjoni tagħhom dwar il-proġett tal-*bring in site* fiż-żona tal-Fatah biex forsi jintlaħaq ftehim magħhom.

522.12.4 Is-Sur Mark Grech staqsa min kien qed jattendi għal-laqgħat tar-Reġjun Xlokk f'każ li s-Sindku ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa. Is-Sindku qal illi meta ma setax jattendi għal-laqgħa tar-Reġjun kienet attendiet il-Viċi Sindku. Is-Sur Mark Grech semma l-importanza li jkun hemm rappreżentat tal-Kunsill matul il-laqgħat li jsiru mir-Reġjun Xlokk.

522.12.5 Is-Sur Mark Grech qal li l-*culverts* tal-ilma li hemm fi Triq il-Kbira reġgħu kienu qed iħabbtu. Is-Sur Mark Grech talab li tinstab soluzzjoni sabiex tissolva din il-problema darba għal dejjem. Is-Sindku qal illi diġa kien iddiskuta din il-problema mal-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

522.12.6 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fit-12 ta' Marzu 2020 kienet ser tiġi organizzata attività għall-anzjani.

522.12.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex titwaħħal mera fi Triq Sant' Antnin faċċata ta' Triq Spadaro.

522.12.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinżebgħu *hatching lines* fi Triq is-Santwarju fl-ex-venda tal-karozzi tal-linja minħabba li kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ. Is-Sindku talab sabiex titressaq din it-talba lil Transport Malta.

522.12.9 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex kull Kunsillier jagħti rendikont finanzjarju ta' kull attività li jkun organizza. Dan sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jafu jekk l-attività tkunx qabżet il-*budget* li jkun ġie maqbul fil-Kunsill.

522.12.10 Is-Sur Joseph Agius qal li x-xoghol fil-Masġar taż-Żebbuġ kien wieqaf. Is-Sur Agius talab li ssir laqgha mal-Ministru ghall-Ambjent, tibdil fil-Klima u l-Ippjanar sabiex issir pressjoni u l-proġett jitlesta matul din il-leġislatura.

522.12.11 Is-Sur Joseph Agius talab li jinbidel globu mkisser li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq Santa Tereża.

522.12.12 Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-*bollards* li hemm neqsin quddiem is-*supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch kienu ghadhom ma twahhlux. Il-Kaptan Barbara talab sabiex il-Kunsill jaghmel pressjoni fuq Trasport Malta sabiex dawn il-*bollards* jitwahhlu minghajr aktar dewmien.

522.12.13 Il-Kaptan Barbara talab sabiex jitqassmu ittri lir-residenti li joqghodu fi Triq iċ-Ċulqana, Triq ir-Redentur u l-madwar sabiex iżommu l-borża tal-iskart wara l-bieb tar-residenza taghhom, u sabiex jitwahhlu tabelli biex ma jintremiex skart fil-kantuniera. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-kuntrattur tal-iskart ukoll kien qed igeddeż il-boroż tal-iskart fil-kantuniera ta' Triq iċ-ċulqana ma' Triq ir-Redentur.

522.12.14 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk ma' kull trakk tal-ġbir tal-iskart kienx qed ikun hemm żewġ kolletturi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar is-Sibt li ġej, flimkien mal-Kaptan Patrick Barbara, kien ser jaghmel laqgha mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku u li kienu ser jiġu diskussi n-nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir tal-iskart.

522.12.15 Il-Kaptan Patrick Barbara nforma lill-Kunsill li flimkien ma' grupp volontiera kien ser iqassam il-boroż tal-iskart organiku f'kull żona ta' Haż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li ma kienx hemm biżżejjed riżorsi umani sabiex iqassmu l-boroż tal-iskart organiku mill-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa kien lest jghin iqassam il-boroż tal-iskart organiku mill-Kunsill.

522.12.16 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li ilha tirrapporta sabiex titnaddaf iż-żona tal-Fatah iżda l-kuntrattur kien ghadu ma naddafx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tkellem lill-kuntrattur responsabbli mit-tindif ta' toroq mhux urbani sabiex inaddaf din iż-żona.

522.12.17 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet sabiex tinstab soluzzjoni biex il-vetturi ma jkunux jistghu jibqghu dehlin fiż-żona tal-Fatah jarmu l-iskart. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jithawwlu s-siġar f'din iż-żona u b'hekk il-vetturi ma jibqghux dehlin u jonqos l-abbuż ta' rimi ta' skart.

522.12.18 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li fi Triq il-Luq hemm passaġġ li jaghti ghal Triq l-10 ta' Settembru u talbet sabiex fit-tarf tal-passaġġ ta' Triq il-Luq issir rampa u taraġ maġenb xulxin. Is-Sinjorina Bongailas żiedet tghid li r-rampa ghandha tkun separata mit-taraġ b'*railing* irqiq.

522.12.19 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li xi residenti kienu nfurmawha li tnehhew sinjali sofor minn Triq id-Dukkar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienu tnehhew xi sinjali sofor minn quddiem il-garaxxijiet peress li kienu saru minn xi individwi minghajr il-permess tal-Kunsill. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet sabiex issir żebgħa safra mal-garaxxijiet peress illi l-vetturi kienu qed jipparkjaw qrib il-bibien tal-garaxxijiet u joħolqu inkonvenjent għas-sidien tal-garaxxijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tieħu ħsieb sabiex issir iż-żebgħa s-safra kif mitlub.

522.12.20 Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

522.12.21 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li fis-26 t'April kienet ser torganizza attività relatata mal-Ħarsien tal-Annimali. Is-Sinjura Bongailas żiedet tgħid illi kienet ser tressaq rendikont finanzjarju dwar din l-attività fil-laqgħa li jmiss.

522.12.22 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar is-siġar tat-tut li kienu ser jiġu provduti mill-Għaqda Mużikali Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u ssuġġeriet sabiex dawn is-siġar tat-tut jitħawwlu fiż-żona tal-Fatah. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li jitwaħħlu anke xi bankijiet tal-injam.

522.12.23 Il-Viċi Sindku resqet talba li kienet irċeviet minn residenta li toqgħod fi Triq il-Ġiżimina sabiex tinqala' siġra tal-fikus minn quddiem ir-residenza tagħha. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din is-siġra tiġi rilokata fiż-żona tal-Fatah.

522.12.24 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għad-deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti dwar rilokazzjoni tas-siġra li hemm fi Triq ix-Xgħajra faċċata tal-ispiżerija u talbet lill-Kunsill jiddeċiedi l-post ta' fejn ser tiġi rilokata din is-siġra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din is-siġra titħawwel fiż-żona tal-Fatah.

522.12.25 Is-Sindku talab sabiex tinqala' palma li hemm fi Triq in-Nissieġ u titħawwel f'waħda mis-*soft areas* fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir.

522.12.26 Il-Viċi Sindku resqet talba li kienet irċeviet minn resident sabiex ~~tinqala'~~ tiġi rilokata siġra minn ġo *soft area* fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir. Is-Sindku qal li ma jistax ikun li l-Kunsill jilqa' kull talba sbiex jinqalgħu s-siġar. Il-Viċi Sindku qalet li din is-siġra partikolari kienet qed tagħmel ħsara fil-propjetà tar-resident kif ukoll ħsara fil-passaġġ li hemm biswit is-*soft area*. Is-Sindku qal illi r-resident ukoll kellu s-siġar imħawwla fil-ġnien tiegħu biswit il-passaġġ li hemm. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob parir lil ERA dwar din is-siġra. Emendati

**522.13 Mozzjonijiet**

522.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**522.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

522.14.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2020 fis-6.00 ta' filghaxija.

522.14.2 Il-laqgha spiċċat fit-8.25 ta' filghaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-523 laqgha li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku